MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 55

2 ta' Ottubru 2023

Minuti tas-seduta Nru. 55 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 2 ta' Ottubru 2023 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet. Minħabba problema teknika, ir-*recording* ma jistax jitniżżel mis-sit elettroniku:https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-minuti tas-Seduti Nru. 54 tat-22 ta' Awwissu 2023, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt).

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Aċċess temporanju għall-Mellieħa Bay Hotel (P/5/8/G)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 5.7.1. tas-seduta ta' qabel, kif ukoll għal-laqgħa virtwali li saret fil-25 ta' Settembru 2023 mal-operaturi u l-*project manager* li ser jikkordina l-bini mill-ġdid tal-lukanda msemmija. Għal din il-laqgħa attendew is-Sindku. D. Vella, u l-Kunsillieri E Bartolo, K. Buttigieg, R. Bartolo Cutajar, J. Gauci, u G. Micallef. Fl-istess laqgħa ħareġ li mhux possibbli tintuża r-rotta alternattiva proposta mill-Kunsill fis-sit tal-kostruzzjoni, maġenb il-ħajt eżistenti, bejn l-art tal-lukanda u l-parkeġġ pubbliku. Dan peress li hemm diżlivell sostanzjali bejn is-sit u t-triq, filwaqt li l-*footprint* tal-binja ma jħallix spazju adekwat biex jgħaddu vetturi kbar minn bnadi oħra. Il-pjan huwa li:

- jkun hemm traġitt ċirkolari bi dħul mit-triq ta' fuq u l-ħruġ ikun mill-parkeġġ waqt li jkun għaddej it-twaqqigħ u l-iskavar tas-sit;
- It-twaqqigħ u l-iskavar ser jibda f'Ottubru 2023;
- It-traġitt minn ġol parkeġġ jieqaf bejn is-16 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru; u
- Matul il-perjodu speċifikat isir xogħol ta' kostruzzjoni biss.

2.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-parkeġġ m'għandux ikun affettwat mill-proċess tat-twaqqiegħ u bini mill-ġdid tal-lukanda, peress li huwa proċess twil li jieħu diversi xhur. Traġitt kontinwu ta' dan it-tip jirrendi l-parkeġġ bħala estensjoni tas-sit tal-kostruzzjoni u għaldaqstant għandu jsir użu biss mit-triq ewlenija li tgħaqqad is-sit direttament ma' Triq il-Marfa.

**2.2.1. Allokazzjoni ta' spazji għat-tqegħid ta' *caravans*** **(B/5/Vol IV)**

2.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 6.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li komplew il-kuntatti mal-għaqdiet tal-*caravans* u l-*campers* b'laqgħa oħra li saret fil-25 ta' Settembru 2023 ma' Leisure Team Caravan Association. Għal din il-laqgħa attendew is-Sindku. D. Vella, u l-Kunsillieri E Bartolo, K. Buttigieg, u R. Bartolo Cutajar, u G. Micallef. Din saret mal-grupp li sa qabel il-pubblikazzjoni tal-Avviż Legali 136 tal-2023 kienu jarmaw fil-Qortin it-Twil. Dawn talbu li:

- il-grupp kollu, li jikkonsisti minn 16-il sid, jimblukkaw spazju adekwat għalihom bejn Ġunju u Settembru, peress li mhux vijabbli li jarmaw u jżarmaw għal perjodi qosra. B'hekk ukoll il-post ikun indukjrat iktar, kif kien isir qabel; u

- Qed isostnu wkoll li l-permess għal 40 caravan, li ngħata mill-Awtorità tal-Ippjanar permezz ta' DN 0835/23, huwa eċċessiv meta l-istandards tas-sigurtà jirrikjedu perimetru ta' tliet metri madwarhom kull *caravan/camper*, filwaqt li d-daqsijiet normali tal-*caravans* huma: 6.4m X 2.5m; 7.6m X 2.5m; 8.5 X 2.5m;

2.2.3. Ġie spjegat li n-naħa tal-Kunsill għamlitha ċara li:

- l-perjodu massimu li għalih jista' jinħareġ permess huwa ta' sebat-ijiem, peress li l-Qortin it-Twil huwa *designated site*;

- L-ispirtu tal-avviż legali jinkoraġġixxi li s-siti kollha fil-Mellieħa u f'lokalitajiet oħra jkunu aċċessibbi għas-sidien tal-*caravans/campers* kollha, u għaldaqstant ma jistax ikun hemm sit partikulari riżervat għal xi grupp jew individwu, sakemm id-damanda għalih ma tippermettix dan.

2.2.4. Il-Kunsill osserva li l-aġenzija Infrastructure Malta ġiet assenjata sabiex ittejjeb l-ambjent u l-faċilitajiet fis-sit tal-Qortin it-Twil u għaldaqstant huwa mistenni li d-domanda għalih ser tiżdied. Għaldaqstant jista' ikun il-każ li d-domanda tiżdied tant li l-Kunsill ikun qed imur kontra l-ispirtu tal-avviż legali jekk jirriżerva s-sit kollu jew parti minn għal xi grupp jew individwu partikulari.

**2.3.1. Festival Internazzjonali tal-Ħut f'Dawret it-Tunnara** **(A/6/3/1/Vol 168)**

2.3.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 5.12.1. tas-seduta preċedenti dwar l-attività msemmija li ttellgħet nhar il-Ħadd l-1 ta' Ottubru 2023. Huwa qal li kien hemm konkorrenza qawwi għaliha mill-pubbliku, meta mqabbla ma' dik li saret l-Ħadd ta' qabel f'Marsaxlokk. Huwa qal ukoll li fl-istess okkażjoni ġiet ppreżentat tifkira lill-Kunsill mis-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, Akwakultura u Drittijiet tal-Annimali l-Onor. A. Bugeja Said.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

2.4.1. **Kommemorazzjoni tal-25 Anniversarju tal-ġemellaġġ Mellieħa-Adenau** **(K/1/5/Vol IV)**

2.4.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rreferiet għaż-żjara li saret f'Adenau u fi Brussel bejn il-15 u l-20 ta' Settembru 2023. Huwa kkummenta li mil-lat organizzativ marret kif kienet ippjanata u ntlaqgħat tajjeb minn mill-grupp kollu, inkluż is-Sindku ta' Adenau A. Hoffmann u l-ex-Sindku B. Schiffarth, u l-Kumitat u l-bandisti tas-Società Filaronica La Vittoria. Mandankollu huwa kkummenta li seta' intwera aktar impenn da parti tal-Kunsill Lokali ta' Adenau f'dak li jirrigwarda l-kontenut tas-serata kommemorattiva tas-16 ta' Settembru.

Kienu preżenti wkoll is-Sindku ta' Sillery Thomas Duboi, delegat minn Castione Della Presolana il-Prof. Lorenzo Migliorati, u l-Membru Parlamentari Ewropew mir-Reġjun ta' Rhinland Pfalz l-Onor. Ralf Seekatz.

2.4.3. Is-serata kommemorattiva kienet animata mill-Banda La Vittoria u kor minn Adenau. Fl-istess serata, il-Kunsill ta' Adenau ppreżenta kupun sabiex titħawwel siġra fil-Park tal-Familja sabiex tfakkar dan l-avveniment. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna għall-fatt li s-Sindku D. Vella ma' kienx parti mid-delegazzjoni minħabba li kien indispost, u billi kien kollox ibbukkjat u mħallas, is-Sinjura E. Buttigieg akkumpanjatu waqt din iż-żjara.

2.4.4. Is-Sur J. Buttigieg qal li huwa stieden lis-Sur A. Hoffmann u B. Schiffarth sabiex f'Diċembru 2023 jattendu s-serata ta' Jum il-Kunsill.

2.4.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.5.1. Arranġamenti marbuta mal-festi titulari fil-Manikata u l-Mellieħa

**(F/2/Vol III)(F/2/1)**

2.5.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għall-minuta 7.3. tas-seduta ta' qabel u qal li l-Festa tal-Madonna tal-Mellieħa ċċelebrata fit-tieni ħadd ta' wara l-festa tal-Vitorja għandha tkun inkluża mal-arranġamenti diskussi mal-Pulizija u dawk kollha involuti fl-organizzazzjoni tagħhom. Huwa spjega li dan issa sar aktar meħtieġ minħabba li żdiedet l-attività kummerċjali f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

2.5.3. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna wkoll li fl-edizzjoni tal-2024, il-Kunsill għandu jindirizza fatturi li tfaċċaw fl-edizzjoni ta' din is-sena, bħalma huma l-armar ta' tined, umbrellel, kif ukoll id-daqs ta' mużika amplifikata f'Misraħ il-Parroċċa u postijiet oħra b'rabta mal-Festa tal-Vitorja.

2.5.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li meta l-arranġamenti miftiehma jkunu jinvolvu t-tneħħija ta' imwejjed u siġġijiet, dawn għandhom jiġu komunikati lill-Awtorità tal-Artijiet mill-inqas tliet ġimgħat qabel, bil-għan li jkun hemm żmien biżżejjed sabiex dawn jiġu pproċessati internament.

2.5.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa ferma importanti li spazji allokati għall-imwejjed u siġġijiet fuq art pubblika għandhom jiġu mmarkati b'mod permanent sabiex jiġi faċilitat l-infurzar. Ippropona wkoll li meta l-ġranet tal-festa jiġu posposti għal dati oħra, l-arranġamenti kollha għandhom jibqgħu japplikaw bl-istess mod.

## 2.6.1. Seduta Parlamentari taż-Żgħażagħ (Z/1/Vol VI)

2.6.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 5.9.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li ġew ikkuntattjati xi żgħażagħ sabiex jirrappreżentaw lil-lokalità, iżda sfortunatament ħadd minnhom ma' aċċetta.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.7.1. Kuntratt tal-Kustodju mal-Park tal-Familja (P/4/6/1)

2.7.2. Il-Kunsillieri E. Bartolo u K. Buttigieg rreferew għall-minuta 5.8.5. tas-seduta preċedenti u qalu li t-tnejn iltaqgħu u ddiskutew tibdil li jista' isir fil-kuntratt imsemmi wara li dan ilu jaħdem għal diversi snin. Is-Sur E. Bartolo qal li ser jgħaddi l-istess emendi aktar 'il quddiem.

2.7.3. Il-Kunsill innota l-progress li kien hemm fuq din il-materja.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Makkinarju fuq il-bejt ta' bini storiku f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/5/8/Z)

3.1.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.13.1. tas-seduta ta' qabel dwar l-installazzjoni ta' makkinarju fuq il-bjut tal-fond numri 11, 12, u 13, Triq il-Kappillan Magri, kantuniera ma' Triq il-Madonna tal-Ghar, u ma' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Hija qalet ukoll li l-imwejjed u siġġijiet li tpoġġew quddiem l-istess stabbiliment jidher li tpoġġew mingħajr permess u għalhekk staqsiet dwar jekk kienx hemm rispons da parti tal-Awtorità tal-Ippjanar.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li saru rappreżentazzjonijiet mal-Awtorità fis-6 u s-7 ta' Settembru 2023, iżda ma jidhirx li ttieħdu passi da parti tal-operatur tal-istabbiliment konċernat.

3.1.4. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mill-ġdid

### 3.2.1. Restawr tal-kwadri *ex-voto* fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa (S/6/Vol VI)

3.2.2. Il-Kunsillier M. Abela għarraf li l-Parroċċa tal-Mellieħa għandha l-intenzjoni li tirrestawra l-kwadri msemmija. Huwa staqsa dwar jekk il-liġi tippermettix li l-Kunsill jissieħeb fil-finanzjament ta' dawn it-tip ta' inizjattivi.

3.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li restawr fuq proprjetà tal-Knisja ma jaqax fl-ambitu ta' Kunsill Lokali.

### 3.3.1. Parkeġġi riżervati għal persuni b'diżabilità f'Misraħ il-Parroċċa (P/8/2/Vol IV)

3.3.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li qabel sar il-pavimentar ta' Misraħ il-Parroċċa kien hemm ħames postijiet riżervati għal persuni b'diżabilità illi issa m'għadhomx immarkati fl-art minħabba li sar il-pavimentar. Huwa staqsa dwar l-aħjar mod li dawn għandhom jiġu ndikati.

3.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li dawn il-postijiet għandhom jiġu ndikati permezz ta' tabelli mwaħħla fil-baxx, possibilment mal-ħitan, mingħajr sinjali mal-art.

### 3.4.1. Kostruzzjoni ta' Triq il-Peprin (T/4/7/Vol III)

3.4.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar x'qed jikkawża d-dewmien fil-kostruzzjoni ta' Triq il-Peprin li issa x-xogħol fuqha ilu li beda diversi xhur.

3.4.3. Is-Segretarju Eżekuttv C. Debono wieġeb li skond tagħrif mogħti mill-aġenzija Infrastructure Malta, hemm problema bil-livelli li trid tingħeleb qabel jitkompla x-xogħol.

### 3.5.1. PA 8852/17 - Żvilupp fil-Wied ta' Ruman (P/5/8/R)

3.5.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-minuta 5.2.1. tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk kienx hemm xi tweġiba minn l-Awtorità tal-Ippjanar.

3.5.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li x-xogħol fil-wied għadu għaddej.

3.5.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li sad-data tas-seduta ma kien hemm ebda tweġiba mill-Awtorità tal-Ippjanar. Huwa qal li ser jagħmel rappreżentazzjoni mill-ġdid.

### 3.6.1. Manutenzjoni fil-*multi-purpose court* parti mill-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI).

3.6.2. Is-Sur K. Buttigieg irrefera għall-minuta 3.2.5. tas-seduta ta' qabel u għarraf li huwa kellu laqgħa fuq il-post ma' żewġ uffiċjali mit-Tourism Zones Regeneration Agency fejn raw l-injam tal-persjani u l-bankijiet, il-qtugħ tal-ħaxix meħtieġ fil-passaġġi, kif ukoll il-korsa fejn jeħtieġ jitferrex il-*mulch*. Apparti dan hemm *fence* qadim li jista' jiżżarma, jinġarr minn fuq il-post, u hekk jitbaxxa sabiex ma jibqax perikoluż. Hemm ukoll tabelli li twaħħlu riċentement fuq tabelli qodma, filwaqt li hemm ukoll tagħmir sportiv li jeħtieġ manutenzjoni.

3.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.7.1. Nuqqasijiet li jolqtu l-Manikata (C/6/Vol IX).

3.7.2. Il-Kunsillier G. Micallef ġibed l-attenzjoni dwar ilmenti li waslulu minn residenti fil-Manikata li jinvolvu:

- Tabelli *"No Heavy Vehicles"* fi Triq il-Wilġa kantuniera ma' Triq Għajn Tuffieħa;
- Trinek li tħaffru mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għadhom ma ġew reinstated bit-tarmak; u
- Inkosistenza fil-ġbir tal-iskart domestiku fi Triq il-Fuħħar.

3.7.3. Ittieħdu nota tal-punti msemmija sabiex jiġu mgħoddija lil minn huwa kkonċernat.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 29/09/23;
- Skeda ta' Pagamenti – 19/08/23 – 29/09/23;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty-Cash* – 08/08/23 – 28/08/23;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Rendikont dwar kontravvenzjonijiet reġistrati mill-LESA – Jannar/Settembru 2023;
- Minuti – Kunsill Reġjonali – 22/08/23.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Servizz tal-*Contracts Manager* (K/6/5/2)

5.1.2. Saret referenza għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta Nru. 53 tal-25 ta' Lulju 2023 dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt imsemmi. Fl-ittra ta' terminazzjoni ngħatat lista' ta' nuqqasiet li ppersistew tul perjodu konsiderevoli. Il-kuntrattur konċernat irrejaġixxa permezz tal-avukat tiegħu u allega li:

- Il-klijent tiegħu jemmen bis-sħiħ li ssodisfa b'mod diliġenti l-obbligi kuntrattwali kollha u li laħaq l-istandards mitluba;
- Li l-klijent tiegħi konsistentement wassal servizzi skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-kuntratt;
- Għaldaqstant qed jintalab ħlas għas-servizzi pendenti mogħtija skont it-termini tal-kuntratt, filwaqt li l-kuntratt għandu jitkompla sat-terminu tiegħu;
- Kemm-il darba l-Kunsill mhux lest li jkompli bil-kuntratt, bħala ġest ta' rieda tajba u fi sforz biex din il-kwistjoni tiġi solvuta b'mod amikevoli, lest li jaċċetta ħlas għal sitt xhur

ta' servizzi mit-12-il xahar li jifdal. Dan bħala ġest ta' rieda tajba u bħala turija tal-impenn biex tissolva l-kwistjoni b'mod amikevoli.

- Kemm-il darba ma tiġix milqugħa t-talba dwar il-ħlas ser jittieħdu passi legali biex jissalvagwarda d-drittijiet tiegħu.

5.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jħallas biss sad-data tat-terminazzjoni.

### 5.2.1. Għoti ta' injezzjonijiet kontra l-influwenza (M/8/Vol VI)

5.2.2. Saret referenza għal ittra datata 18 ta' Settembru 2023, mibgħuta mid-Dipartiment tal-Kura Primarja fejn tħabbar li t-tilqim tal-influwenza ser ikun qed jingħata lill-persuni minn 18-il sena 'l fuq. Il-Kunsilli Lokali li jixtiequ jgħinu f'dan is-servizz fil-lokalità għandhom jgħaddu l-listi tal-persuni nteressat sad-9 ta' Ottubru 2023, filwaqt li għandhom jipprovdu nfermier kwalifikat sabiex jirrendu dan is-servizz. Persuni morda fis-sodda m'għandhomx jiġu nklużi, sakemm il-Kunsill ma jagħżilx li jagħti dan is-servizz. Is-servizz jibda jingħata mis-16 ta' Ottubru 2023.

5.2.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-*booster* tat-tilqim kontra l-COVID-19 ser jingħata biss foċ-Ċentri tas-Saħħa u Kliniki tal-Komunità mmexxija mid-Dipartiment tal-Kura Primarja.

5.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif.

### 5.3.1. *Euromed International Sailing Championships* (S/6/Vol VI)

5.3.2. Saret referenza għall-imejl datat 29 ta' Settembru 2023 mibgħut mill-President tal-*Malta Sailing Federation*, dwar l-avveniment imsemmi li ser jiżvolġi bejn s-16 u d-19 ta' Diċembru 2023 fil-Bajja tal-Mellieħa, bis-sehem ta' kompetituri minn diversi pajjizi. Sar appell sabiex il-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment, kif ukoll jiġu eżentati mill-ħlas tal-permess li jeħtieġ jinħareġ mill-Kunsill.

5.3.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-involviment tiegħu f'din il-kompetizzjoni m'għandux jaqbeż €400, kif ukoll ma' sabx oġġezzjoni li l-organizzaturi jiġu eżentati mill-ħlas marbut mal-permess.

### 5.4.1. Malta International Double Bass Festival (S/6/Vol VI)

5.4.2. Saret referenza għall-ittra mibgħuta mill-organizzaturi tal-*Malta International Double bass Festival*, li din is-sena huwa ppjanat li jsir fil-Mellieħa mid-19 sat-22 ta' Ottubru. Dan huwa avveniment annwali jsir f'lokalitajiet differenti. Essenzjalment huwa avveniment edukattiv, intiż li jagħti viżibilità lill-versalità tal-kontra baxx. Jikkonsisti f'lezzjonijiet, *workshops*, u *masterclasses* mogħtija minn solisti u għalliema ewlenin fid-dinja. Din is-sena, apparti l-għalliema lokali, hemm oħrajn ġejjin mill-Ġermanja, il-Polonja, l-Italja u Hong Kong. Din is-sena, apparti studenti Maltin, se jkun hemm oħra mill-Portugal, Hong Kong, is-Serbja, l-Italja, l-Venezwela, u l-Bulgarija. Dan l-avveniment ser isir bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina.

5.4.3. L-organizzaturi aċċennew li l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu hija kommessa li tgħin, madankolu qed jappellaw lill-Kunsill sabiex jassisti fil:

- Ħruġ tal-permess;
- Provista tal-elettriku; u
- Siġġijiet għall-udjenza.

5.4.4. Il-Kunsill approva t-talba.

### 5.5.1. Depożitu ta' skart tal-ippakkeġġjar fi Triq Ġorġ Borg Olivier (K/6/2/Vol VI)

5.5.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li qed jinħareġ kartun minn xi ħwienet fi kwantitajiet konsiderevoli, li qed jitħalla biswit Triq Sant' Elena u fil-kantuniera ma' Triq il-Mitħna l-Qadima. Huwa appella sabiex issir sorveljanza permezz tas-sistema tas-CCTV li hemm installata fil-qrib.

5.5.3. Ġie nnutat li l-LESA għandha aċċess għas-sistema u tista' issir sorveljanza minn naħa tagħhom.

**5.6.1. Tfassil tal-istrategija tal-Fondazzjoni Grupp Azzjoni tal-Majjistral 2023-2027 (P/10/5)**

5.6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna li fit-18 ta' Awwissu 2023 il-fondazzjoni sejħet laqgħa għal dawk interessati sabiex titfassal l-istrateġija dwar l-iffinanzjar ta' proġett taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. Attendew għal din il-laqgħa, flimkien miegħu, is-Sindku D. Vella u l-Viċi Sindku J. Buttigieg. Kien hemm preżenti wkoll rappreżentanti mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, mis-Società Filarmonica La Vittoria u oħrajn, fejn tqanqlu diversi punti dwar in-natura tal-proġetti li għandhom jiġu kkunsidrati fil-futur, kif ukoll aspetti amministrativi marbuta mal-istess proġetti.

5.6.3. Il-Kunsill ikkonferma l-appoġġ tiegħu għall-punti skont kif ġew approvati bil-vot ta' dawk preżenti waqt il-laqgħa tat-18 ta' Awwissu 2023, li finalment se jiġu sottomessi mill-Fondazzjoni GAL Majjistral bil-għan jiġu nklużi fil-programm LEADER għat-tliet reġjuni tal-GAL.

**5.7.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Qortin (T/3/2/Vol XVI)**

5.7.2. Sar aċċenn għal imejl datat 10 ta' Settembru 2023, fejn resident ta' Triq il-Qortin osservat li saru *speed humps* fi Triq Ġuże' Flores, kif ukoll fi Triq il-Birwina, u għaldaqstant qed itenni talba li kienet għamlet fil-każ ta' Triq il-Qortin, fejn l-abbużi jinvolvu veloċitajiet bejn 60 u 100 kilometru fis-siegħa.

5.7.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fakkar li Triq il-Qortin kellha tkun parti minn proġett *Slow Streets*, li kellu jiġi attwat b'finanzjament ma' Transport Malta.

5.7.4. Irrispettivament mit-tagħrif mogħti skond il-minuta preċedenti, il-Kunsill kien tal-fehma li proċedura dwar l-introduzzjoni ta' *speed humps* għandha tiġi spjegata lill-persuna li qed tagħmel it-talba. Din tinvolvi fost oħrajn konsultazzjoni mar-residenti tat-triq konċernata, wara li jiġu stabbiliti l-postijiet fejn dawn għandhom isiru, sabiex ikunu effettivi.

**5.8.1. PA 4149/23 - Tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet fi Triq Sant' Anna (T/4/10/Vol III)**

2.7.4. Saret referenza għall-applikazzjoni msemmija li tinvolvi l-estenzjoni ta' spażju għal imwejjed u siġġijiet u *removable bollards* fit-triq, quddiem Schere Cafeteria fi Triq Sant' Anna kantuniera ma' Triq in-Nofsinhar. Ġie spjegat li skond il-pjanta sottomessa, l-ispazju propost għall-imwejjed u siġġijiet għandu kejl ta' 5.23m X 1.3m, b'1.5m spazju pedonali fuq il-bankina, biex b'hekk jifdal 2.5m għall-karreġġjata.

2.7.5. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li l-*Policy* P8 u *Figure* 5e tal-*Guidelines on Outdoor Catering Areas on Public Open Spaces* illi tipprovdi li fil-każ ta' *promenades* jew belevederes:

*"In the case where the Outdoor Catering Area is directly adjacent to parking spaces, the permitting Authorities may consider requests for extending the Outdoor Catering Area over parking spaces. However, each case shall be assessed on its own merits and the extension over the parking space shall consist of an easily removable, reversible/demountable timber platform.".*

2.7.6. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li l-veloċità tas-sewqan tal-vetturi fi Triq Sant' Anna huwa diġà kkontrollat billi t-triq hija dejqa bl-ipparkjar tal-vetturi fuq naħa waħda tagħha. Wara aktar diskussjoni l-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem l-istabbiliment in kwistjoni skond kif indikat fil-pjanta mmarkata 65A mehmuża mal-applikazzjoni msemmija aktar 'l fuq. Peress li Triq Sant' Anna hija *one-way* bi dħul minn Triq il-Kbira, il-Kunsill wera r-riżervi tiegħu dwar it-tqegħid ta' pjattaforma, għaliex din ixxekkel l-aċċess b'vetturi kbar f'każ ta' emerġenza, jew vetturi tal-kostruzzjoni, eċċ.

### 5.9.1. *Policy* dwar permessi għall-ikkampjar (C/4/Vol IV)

5.9.2. Sar aċċenn għal imejl datat 23 ta' Settembru 2023, fejn intalab li waħda mit-tliet żoni għall-ikkampjar ġewwa l-Aħrax titħalla miftuħa għall-ikkampjar anke waqt l-istaġun tal-kaċċa. Dan peress li s-sit alternattiv ta' Qortin it-Twil ma joffrix l-ambjent idejali għal dan il-passatemp. Din il-proposta anke saret fid-dawl tal-fatt li ma jsirx ikkampjar fil-Miżieb.

5.9.3. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li legalment, l-ikkampjar u l-kaċċa jistgħu jibqgħu għaddejjin flimkien anke waqt li l-istaġun ikun miftuħ, iżda minħabba raġunijiet ta' sigurtà, kien hemm qbil li għandha tibqa' osservata l-istess *policy*, li ma jinħarġux permessi għall-ikkampjar fit-tliet żoni. A, B, u C, li jinsabu qrib il-Ponta tal-Aħrax. Bħala alternattiva għandha tibqa' tiġi offruta żona D, li llum hija wkoll id-*designated site* għall-*caravans* fil-Qortin it-Twil.

### 5.10.1. President's *Solidarity Fun Run* 2023 (K/11)

5.10.2. Saret referenza għal ċirkulari mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali AKL 2023/086 datata 2 ta' Ottubru 2023, fejn għarrfu li l-ġirja ser tkun is-Sibt 11 ta' Novembru 2023 fit-3:00pm mill-Palazz tal-Verdala u fit-3:30pm mill-Palazz ta' San Anton sal-Belt Valletta. L-uffiċċju tal-President qed jappella sabiex il-Kunsilli Lokali jipprovdu t-trasport.

5.10.3. Il-Kunsill ma sabiex oġġezzjoni kemm-il darba n-numru ta' nies interessati li jieħdu sehem jiġġustifika s-servizz mitlub.

### 5.11.1. Sewqan perikoluż fi Triq Daħlet ix-Xmajjar (T/3/2/Vol XVI)

5.11.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li saret talba verbali minn bdiewa li għandhom raba' biswit it-triq imsemmija sabiex isiru żewġ *speed humps* fil-postijiet fejn hemm it-toroq ewlenin li jagħtu għar-raba.

5.11.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rakkomandazzjoni lil Transport Malta.

### 5.12.1. Jum il-Kunsill u l-ġemellaġġi (A/5/3/1 Vol XVII)(K/1/5/3/Vol II)(K/1/5/4)

5.12.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna li għal-laqgħa illi saret fit-2 ta' Settembru 2023 mas-Sindku ta' Cavriglia Leonardo Degl'Innocenti o Sanni fejn huwa ressaq proposti dwar kif għandu jkun imqassam il-finanzjament ta' skambji marbuta mal-ġemellaġġi. Ġew diskussi wkoll skambji li jistgħu jsiru b'rabta mal-mużika u l-arti viżiva.

5.12.3. Is-Sur J. Buttigieg kompla billi ppropona li għal Jum il-Kunsill tiġi mistiedna rappreżentanza mit-tliet lokalitajiet tewmija, b'dak ta' Cavriglia jingħata preferenza peress li ser taħbat mal-ħmistax anniversarju minn meta ġie finalizzat il-ftehim ta' ġemellaġġ f'Jannar 2008. Huwa ppropona li d-delegazzjoni minn Cavriglia tilħaq massimu ta' ħames persuni, filwaqt li ta' Agia Napa u Adenau tkun ta' mhux iktar minn tliet persuni, li lkoll jiġu offruti tliet ijiem akkomodazzjoni. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li kemm-il darba jkun hemm gruppi jakkumpanjawhom, dan għandhom jagħmlu tajjeb għall-akkomodazzjoni.

5.12.4. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta preċedenti. Ikkonferma wkoll li d-data ta' Jum il-Kunsill tkun l-1 ta' Diċembru 2023, kif ukoll li ssir sejħa għan-nominazzjonijiet dwar l-

għoti ta' onorefiċenzi. Kien hemm qbil ukoll li s-serata tkun taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta l-E.T. George Vella, kemm-il darba jkun f'pożizzjoni li jattendi.

5.12.5. Ġew diskussi wkoll il-postijiet fejn tista' issir is-serata, bħalma huma s-swali li jinsabu fis-sede tas-għaqdiet mużikali, fl-Iskola Primarja, u f'lukandi li jinsabu fil-lokalità. Minħabba n-numru tal-mistednin, kien hemm qbil li s-serata ssir f'lukanda wara li jinkisbu l-istimi meħtieġa.

**5.13.1. Villaġġ tal-Milied 2023** **(A/5/6/3/Vol XVII)**

5.13.2. Is-Sindku D. Vella ppropona li l-edizzjoni tal-2023 tal-Villaġġ tal-Milied issir fil-15, 16 u 17 ta' Diċembru 2023, f'Misraħ il-Parroċċa, billi huwa maħsub li jkun inbeda x-xogħol fuq it-tisbieħ tat-taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar,. Huwa qal li qed tiġi mistħarrġa l-possibiltà li titwaqqaf siġra tal-Milied fl-istess misraħ, madwar tliet sulari għolja, li ddum armata hemm tliet ġimgħat.

5.13.3. Il-Kunsill qabel li l-armar tal-attività għandu jkun miġbur bejn Triq il-Madonna tal-Għar u Triq il-Parroċċa minħabba li dik in-naħa tal-misraħ hija inqas maħkuma mill-irjieħ.

**5.14.1. Inawgurazzjoni tal-proġett ta' Misraħ il-Parroċċa u t-toroq tal-madwar** **(P/4/3/Vol IV)**

5.14.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna għall-inawgurazzjoni tal-proġett imsemmi li sarat fil-5 ta' Settembru 2023, fejn kien hemm diskorsi mill-Ministru tat-Turiżmu u Protezzjoni tal-Konsumatur l-Onor C. Bartolo, il-Ministru tat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali - Onor. A. Farrugia u l-Perit R. Abdilla mill-aġenzija Infrastructure Malta. Is-Sur J. Buttigieg kkummenta li dan il-proġett ta aktar dinjità lill-Misraħ il-Parroċċa, u kkonsolida fuq proġetti oħra li saru matul iż-żmien bl-involviment ta' Kunsilli Lokali preċedenti. Huwa qal li kienet ħasra li ma sarx aċċenn għal dan fid-diskorsi li saru.

5.14.3. Il-Kunsill innota l-kummenti li saru.

**5.15.1. Għotja ta' *automatic external defibrillator*** **(R/5)**

5.15.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li l-Ordni ta' San Lazzru ta' Ġerusalemm lesta li tagħmel għotja tal-apparat imsemmi sabiex jitqiegħed f'post iffrekwentat mill-pubbliku. Preżentazzjoni ta' dan it-tagħmir ser issir f'data li għad trid titħabbar aktar 'il quddiem. Huwa ppropona li dan jiġi nstallat fil-Park tal-Familja.

5.15.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta,

**5.16.1. Tindif volontarju f'Selmun** **(T/6/1/Vol IV)**

5.16.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-*clean-up* li saret bħala parti mill-World Cleaning Campaign fit-30 ta' Settembru 2023, li ħadu sehem fiha l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti tal-Mellieħa; Din l-Art Ħelwa, residenti ta' Selmun, il-Pulizija tal-Komunità, u l-Kunsilliera A. Brincat Stellini. Hija ppproponiet li ssir oħra fl-14, jew fil-21 ta' Ottubru 2023 fl-inħawi tat-Torri l-Aħmar.

5.16.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**5.17.1. Terrapien f'qatgħa fi Triq id-Denċi** **(P/5/2/Vol II)**

5.17.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li tħalla borg kbir ta' terrapien f'qatgħat li qed tiġi żviluppata fi Triq id-Denċi. Hija qalet li ir-residenti tal-qrib huma mħassba li kemm-il darba tagħmel xita qawwija, dan jinġarr mill-ilmijiet u jikkawża danni aktar 'l isfel.

5.17.3. Il-Kunsill qabel li dan il-każ għandu jinġieb għall-attenzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar.

**5.18.1. Stedina għall-Agia Napa Festival (K/1/5/4)**

5.18.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għaż-żjara li hija u l-Kunsillier E. Bartolo għamlu f'Agia Napa bejn l-21 u t-23 ta' Settembru 2023, fuq stedina mill-Kunsill Lokali ta' Agia Napa. Hija faħħret l-ospitalità li ngħataw u qalet li f'waħda mis-serati li attendew ġew ppreżentati ikona tal-Madonna bħala tifkira tal-attendenza tagħhom. F'isem il-Kunsill tal-Mellieħa saret stedina lis-Sindku sabiex jattendi għas-serata ta' Jum il-Kunsill fl-1 ta' Diċembru 2023.

5.18.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li l-Kunsill jindika numru ritratti ta' postijiet marbuta mal-Mellieħa biex jirreplikahom fuq souvenirs li jistgħu jiġu ppreżentati f'okkażjonijiet simili.

5.18.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.19.1. Żjara mill-*Unit* għall-Għoti tad-Demm (M/8/Vol VI)**

Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, għarrfet li l-*mobile blood unit* kien fil-Mellieħa nhar il-Ħadd 1 ta' Ottubru 2023, bejn it-8:30am sas-1:00pm. Hija aċċennat li 34 persuna taw id-demm. Il-*mobile blood unit* kien stazzjonat fil-bidu ta' Triq Selmun.

5.19.2. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.20.1. Parteċipazzjoni fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2023 (F/5)**

5.20.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-Fiera Nazzonali tal-Ktieb ser isseħħ bejn it-18 u l-20 ta' Novembru 2023. Hija appellat sabiex il-Kunsillieri jagħtu s-sehem tagħhom biex l-istand tal-Kunsill jinżamm miftuħ tul it-tliet ijiem.

5.20.3. Il-Kunsill ħa nota.

**5.21.1. Programm ta' taħditiet dwar is-saħħa (M/8/Vol VI)**

5.21.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferit għall-imejl datat 19 ta' Settembru 2023 fejn id-Dipartiment tal-Kura Primarja għarraf li nieda sensiela ta' tlettax-il taħdita dwar diversi aspetti li jinvolvu s-saħħa. Dawn ser ikunu nhar ta' Tnejn u l-Ġimgħa bejn l-10:30am u l-11:15am u jsiru fil-lokalità stess. Hija qalet li dawn jistgħu jingħataw flimkien maċ-Ċentru Anżjanità Attiva u l-Kummissjoni Djakonija.

5.21.3. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment.

**5.22.1. Spejjeż marbuta mal-ħarġiet kulturali (A/5/5/Vol VII)**

5.22.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppproponiet li ssir sejħa għall-istimi fir-rigward tal-ħarġiet kulturali, sabiex dawn jerġgħu jibdew possibilment f'Novembru 2023.

5.22.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**5.23.1. Sigurtà għat-tfal tal-iskola fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/3/2/Vol XVI)**

5.22.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg aċċenna għall-preżenza ta' tfal żgħar li jinġiebu u jittieħdu mill-ġenituri fin-*nursery* parti mill-Kunvent ta' Theresa Nuzzo fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Huwa spjega li l-aktar ħinijiet iffrekwentati huma bejn is-07.30am u d-09:30am u bejn is-01:00pm u s-02:30pm.

5.22.5. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rakkomandazzjoni lil Transport Malta sabiex żewġ spażji għall-ipparkjar ikunu ndikati bħala *"Boarding/Alighting of Schoolchidren"* tul il-perjodi ndikati fil-minuta preċedenti.

**6.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku D. Vella li tgħid:**

**"Billi l-proġetti msemmija hawn taħt kellhom jitwarrbu minħabba raġunijiet li l-Kunsill ma kellux kontroll fuqhom, liema proposti jinkludu:**

| | |
|---|---|
| **Vot: 7517** | **Proġett ta' pavimentar f'parti minn Triq l-Inkurunazzjoni** |
| **Vot: 7505** | **Bini ta' Ħitan tas-Sejjieħ fix-Xagħra tat-Tunnara** |

**Il-Kunsill jirriżolvi li l-ispejjeż li laħqu saru fuq it-tfassil tagħhom, m'għandhomx jibqgħu jidhru fuq il-kotba bħala spiża fuq assi li għandhom ma ġewx kapitalizzati.". (F/1/2/Vol VIII)**

6.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li din ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 7.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar li tgħid:

**"Billi saret sejħa għall-offerti MLC 3/2023, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi t-tisbieħ ta' taraġ pubbliku fi Triq il-Madonna tal-Għar;**

**Billi bil-għajnuna ta' rapport tekniku mill-perit inkarigat saret evalwazzjoni mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni taż-żewġ offerti sottomessi, skont il-minuti tat-3 ta' Lulju, u 11 ta' Settembru 2023; u**

**Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2023 ġiet allokata s-somma ta' €254,000 fil-Vot 7518 li tinkludi kofinanzjament approvat taħt l-Iskema dwar Finanzjament ta' Spazji Miftuħa fiċ-Centru tal-Ibliet u l-Irħula (SPI/SCI3/2020);**

**Il-Kunsill jirriżolvi li:**

**(a) Għandu jsir *virement* mill-vot 7532 (Panoramic Lift) għall-vot 7518 sabiex jiġi ffinanzjat il-kuntratt, flimkien mal-ispejjeż professjonali, eċċ; u**

**(b) Għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent North2South Ltd li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti bi spiża ta' €269,019 bit-taxxa miżjuda.".(P/4/47)**

7.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier G. Micallef.

## 8.1. Introduzzjoni ta' *pedestrian crossing* fi Triq il-Mellieħa / Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata (T/3/2/Vol XVI)

8.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li huwa u l-Kunsillier E. Bartolo marru fuq il-post u qed jirrakkomandaw li tista' tiġi kkunsidrata *pedestrian crossing* quddiem id-daħla tal-knisja, kemm-il darba:

(a) Il-kurduna tal-bankina titniżżel fil-livell tal-karreġġjata; u

(b) Issir bankina oħra faċċata li tippermetti l-installazzjoni tal-*belisha lights* kompluti bir-riflettur sabiex tkun tidher bil-lejl.

8.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rakkomandazzjoni lil Transport Malta skond il-proposta fil-minuta preċedenti.

## 9.1. Utilizzazzjoni ta' fondi taħt l-iskema SPI/SCI/3/2020 dwar Finanzjament ta' Proġetti Kapitali Aċċessibiltà u Mobilità (P/4/34)

9.2. Is-Sindku D. Vella aċċenna għall-fatt li l-Awtorità tal-Ippjanar ma ħarġitx il-permess għall-proġett tal-lift panoramiku, li kien ippjanat isir bejn Triq l-Inkurunazzjoni u l-Belvedere tas-

Sur. Huwa fakkar li għaliħ hemm kofinanzjament ta' €33,407, u għaldaqstant appella sabiex il-Kunsill jindika proġett alternattiv sabiex ma jintilfux il-fondi.

9.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li dan is-suġġett għandu jiġi diskuss flimkien mal-Estimi tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2024.

**10.1. Sejħa għall-offerti MLC 6/2023 dwar tiżjin ta' toroq bid-dwal fil-perjodu tal-Milied u l-Epifanija – 2023 – 2026** **(T/4/15/Vol II)**

10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li ħarġet is-sejħa għall-offerti msemmija li din id-darba tinkorpora fiha li toroq u pjazez li kienu jiżżejnu bid-dwal fi snin passati. Fis-sejħa ġew inklużi l-varjazzjonijiet li saru fil-kuntratt preċedenti li jinkludu il-mixgħela tas-siġar li hemm fi Triq il-Kbira, bejn il-Ġnien tal-Emigranti sa Triq l-Etna, biswit Triq il-Pitirross, u f'Misraħ tas-Salib. Is-sejħa tinvolvi kuntratt għal tliet snin.

10.3. Il-Kunsill approva l-azzjoni li ttieħdet.

**11.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

11.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Xiri datata 29 ta' Settembru 2023.

11.3. Tresqet skeda ta' infieq permezz tal-*petty-cash* li tkopri bejn it-8 ta' Awwissu u l-28 ta' Awwissu 2023.

11.4. Tresqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn id-19 ta' Awwissu u d-29 ta' Settembru 2023.

11.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bil-permess ta' dawk preżenti, is-seduta spiċċat fid-9:00 pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 31 ta' Ottubru 2023 fil-5:30 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**